

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-8 ta' Lulju 2010 — Magazzu vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-126/06) <sup>(1)</sup>

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Membri tal-persunal temporanju maħtura bħala uffiċjali — Kandidati mniżżejjha f'lista ta’ riżerva ta’ kompetiżzjoni ppubblikata qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda — Klassifikazzjoni fi grad bl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda inqas favorevoli — Drittijiet kweżi — Prinċipju ta’ nondiskriminazzjoni — Artikoli 2, 5 u 12 tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal”)

(2010/C 246/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Salvatore Magazzu (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment minn T. Bontinck u J. Feld, avukati, sussegwentement minn T. Bontinck u S. Woog, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tat-13 ta' Diċembru 2005, li permezz tagħha r-rikorrent, membri tal-persunal temporanju kklassifikat fil-grad A\*11 u li għadda mill-kompetiżzjoni ġenerali KOM/A/18/04, ġie maħturi bħala uffiċjajil fil-grad A\*6, skala 2, skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla)  
tat-8 ta' Lulju 2010 — Sotgia vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-130/06) <sup>(1)</sup>

(“Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Membri tal-persunal temporanju maħtura uffiċjali — Kandidati mniżżejjha fuq lista ta’ riżerva qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda — Klassifikazzjoni fi grad bl-applikazzjoni tar-regoli l-ġodda inqas favorevoli — Artikolu 5(4) u Artikolu 12(3) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal”)

(2010/C 246/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrent: Stefano Sotgia (Dublin, I-Irlanda) (rappreżentanti: inizjalment minn T. Bontinck u J. Feld, avukati, sussegwentement minn T. Bontinck u S. Woog, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

### Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li daħlet fis-seħħ fis-16 ta' April 2006, li permezz tagħha r-rikorrent, aġġent temporanju kklassifikat fil-grad A\*11 u li għadda mill-kompetiżzjoni ġenerali EPSO/A/18/04, inħatar uffiċjajil fil-grad A\*6, skala 2, skont id-dispożizzjonijiet tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

### Dispożittiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Kull parti għandha tħalli l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 310, 16.12.2006, p. 32.

(<sup>1</sup>) ĠU C 326, 30.12.2006, p. 86.